MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 58/2011

**A B f'isimha proprju kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tal-minuri E D nominata b'digriet tal-24 ta' Frar, 2011**

**Vs.**

**1. C D**
**2. F G Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal kull interess li jista' jkollu**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi r-rikorrenti u l-intimat C D huma legalment isseparati u dan ai termini ta' sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti, li ġġib Ċitazzjoni Numru 353/2004 datata t-28 t'Ottubru, tas-sena 2010 (ara **Dok. JS1**), liema sentenza llum il-ġurnata hija *res judicata*;

Illi nhar l-10 ta’ Jannar tas-sena 2005 twieled il-minuri E D u dan kif inhu evidenzjat miċ-ċertifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bħala **Dok. JS2**;

Illi għalkemm fiż-żmien tat-twelid ta’ l-imsemmi minuri kif ukoll fiż-żmien tal-konċepiment ta’ l-istess minuri, r-rikorrenti u l-intimat C D kienu għadhom legalment miżżewġin, il-partijiet kienu diġa’ separati de facto u kienu jgħixu separatament u għalhekk ma teżisti ebda possibilita’ li l-minuri huwa l-wild naturali ta’ l-istess intimat C D kif jista jikkonferma l-istess intimat C D;

Illi fil-fatt huwa paċifiku bejn il-partijiet li l-minuri E D mhux il-wild naturali ta’ l-intimat C D, u dan kif jirriżulta wkoll minn paġna 4 ta’ l-istess sentenza fejn ikun l-istess intimat C D li jiddikjara li r-rikorrenti kellha wild mill-intimat l-ieħor F G. Huwa proprju minħabba l-preżunzjoni legali li toħroġ mill-Kap.16 tal-Liġijiet ta’ Malta, li ċ-ċertifikat tat-twelid jidentifika lill-intimat C D bħala l-missier naturali u xejn aktar;

Illi huwa paċifiku bejn il-partijiet ukoll li l-minuri E D huwa l-wild naturali ta’ l-intimat l-ieħor F G li dak iz-zmien kellu relazzjoni mar-rikorrenti;

Illi r-rikorrenti trid li ċ-ċertifikat ta’ binha jkun jirrispekkja l-verita’ taċ-ċirkustanzi cioe’ illi l-missier naturali tal-minuri huwa F G u mhux C D;

Illi ghalhekk jehtieg li ċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri jiġi emendat b’tali mod li juri li l-intimat F G huwa l-missier naturali ta’ l-istess minuri;

Illi huwa fl-aħjar interessi tal-minuri li ċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu jkun jirrispekkja r-realta’ u dan anke in vista tal-fatt li l-istess minuri huwa konxju mill-fatt li l-intimat C D mhux missieru u fil-fatt jaf lil F G bhala missieru;

Illi għal kull buon fini, r-rikorrenti tiddikjara li hija lesta li tissottometti ruħha kif ukoll lill-minuri E għal dawk it-testijiet ġenetiċi neċessarji li permezz tagħhom tista’ tiġi

eskluża l-possibilita’ li l-intimat C D huwa l-missier naturali tal-minuri ghalkemm fic-cirkustanzi ma thossx li hemm bzonn;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :

(1) Tiddikjara li l-minuri E D mhux il-wild naturali ta’ l-intimat C D u li l-istess intimat m’huwiex il-missier naturali ta’ l-istess minuri;

(2) Tiddikjara li l-minuri E D huwa l-wild naturali ta’ l-intimat F G u li l-istess intimat huwa l-missier naturali ta’ l-istess minuri;

(3) Konsegwentement tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku iħassar minn fuq iċ-ċertifikat tat-twelid ta’ l-imsemmi minuri E D mill-kolonna li tirrapreżenta isem u kunjom il-missier il-kliem “C D”, in-numru tal-karta ta’ l-identita’ rispettiva ta’ l-intimat li ġġib in-numru tlieta, tmienja, tnejn, sitta, sitta u zero (382660 (M)), il-professjoni jew is-sengħa ta’ l-istess intimat, l-eta’, il-post tat-twelid u residenza ta’ l-intimat kif ukoll isem u kunjom missier l-intimat, u jekk l-imsemmi missieru huwiex ħaj jew mejjet, u minflok jiġu sostwiti bid-dettalji ta’ l-intimat l-ieħor F G u ċioe’, billi fil-kolonna li tirrapreżenta isem u kunjom il-missier jiġi inserit il-kliem “F G”, in-numru tal-karta ta’ l-identita’ rispettiva ta’ l-intimat li ġġib in-numru zero, tlieta, disgħa, zero, zero, sebgħa u sebgħa (0390077(M)), il-professjoni jew is-sengħa ta’ l-istess intimat, l-eta’, il-post tat-twelid u residenza ta’ l-intimat kif ukoll isem u kunjom missier l-intimat F G, u jekk l-imsemmi missieru huwiex ħaj jew mejjet, u tordna kull modifika oħra li tkun meħtieġa f’kull att ieħor relattiv u sussegwenti;

(4) Tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku ibiddel il-kunjom tal-minuri minn dak prezenti cioe’ ‘D’ għal dak “G” biex jirrispekkja kunjom il-missier naturali;

Bl-ispejjeż kontra l-intimati C D u F G li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi preliminarjament, *stante* l-fatt li għaddew ikar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri E D, din l-azzjoni kellha tkun preċeduta minn rikors quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) *ai termini* tal-**artikolu 77Ċ tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta** sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semgħet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri E D, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti għal-proċediment tal-azzjoni odjerna.

2. Illli bla ebda preġudizzju għas-suespost, fuq il-mertu b’mod partikolari dwar il-paternità tal-minuri E D, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti, għalkemm f’dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha involuti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-**Artikolu 77D tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

3. Illi bla ħsara għal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti f’isimha proprju trid tipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal- minuri E D, kienet wettqet adulterju ma’ l-intimat C D u barra minn hekk tipprova xi fatt ieħor li jistà wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi li jindikaw lill-F G bħala l-missier naturali tal-imsemmi minuri E D, u dan *ai termini* tal-**artikoli 77B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta**.

4. Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, ir-rikorrenti trid fl-istess waqt tegħleb il-presunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta** billi adegwatament u konvinċentement turi li l-pussess ta’ stat tal-minuri E D ma jaqbilx mal-att tat-twelid tiegħu li jġib in-numru ta’ skrizzjoni 225 tas-sena 2005;

5. Illi subordinatament dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem C D, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Att tat-Twelid bin-numru tar-reġistrazzjoni 225 tas-sena 2005;

6. Illi dejjem bla ħsara għal dak fuq premess, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti jinvita lill-istess F G sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-Identità, (3) l-età tiegħu meta twieled il-minuri Shalaizah Mercieca, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet it-tifel E D. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit E D;

7. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat in-nota ta' ammissjoni tat-2 ta' Mejju 2011 tal-konvenut F G, li in forza taghha huwa iddikjara u bil-ġurament tiegħu ikkonferma li huwa l-missier naturali tal-minuri E D li twieled nhar l-10 ta' Jannar tas-sena 2005 u dan stante li fiz-zmien it-twelid tat-tarbija kif ukoll fid-disa'

xhur precedenti mid-data tat-twelid, hu u l-attrici A B kienu qieghdin jghixu flimkien.

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-konvenut C D, li in forza taghha huwa iddikjara u bil-gurament tieghu ikkonferma li huwa mhux il-missier naturali tal-minuri E D li twieled nhar l-10 ta' Jannar tas-sena 2005 stante li l-partijiet kien ilhom separati de facto u ma kien hemm l-ebda relazzjoni bejn il-partijiet li setghet twassal ghall-koncepiment ta' l-imsemmi minuri;

Illi ghalhekk hu m'ghandux ibati l-ispejjez ta' din il-kawza;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi li tresqu, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat l-affidavit u r-rapport maghmula minn Marisa Cassar fejn wara li ittiehdu il-kampjuni orali tal-attrici, ta' E Schembi u tal-konvenut F G sabiex isiru t-testijiet tad-DNA, mit-testijiet illi ghamlet irrizulta illi l-konvenut F G ID no 390077(M) hu il-missier naturali ta' E D.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi b'referenza ghall-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, il-Qorti rat illi l-attrici ipprezentat rikors generali fl-1 ta' Dicembru 2011 li permezz tieghu talbet lill-Qorti sabiex tigi awtorizzata tintavola ir-rikors guramentat relatat mal-minuri E D bil-konsegwenza li tigi awtorizzata tkompli bil-kawza odjerna u effettivament l-Qorti awtorizzata sabiex taghmel dan permezz ta' digriet tal-21 ta' Frar 2012.

Illi ghalhekk il-Qorti tara illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku giet sorvolata.

Ikkunsidrat :

Illi ghal dak illi jirrigwarda it-tieni, it-tielet u ir-raba eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, il-Qorti rat illi dawn l-eccezzjonijiet gew ukoll kollha sorvolati kemm mill-ammissjonijiet tal-konvenuti C D u F G li ammettew it-talbiet kollha attrici u kif ukoll mill-fatt illi irrizulta mit-testijiet xjentifici illi saru tad-DNA illi l-missier naturali tal-minuri huwa il-konvenut F G u mhux il-konvenut C D.

Illi l-Qorti pero' qeghda tilqa il-hames, is-sitt u is-seba eccezzjonijiet tal-konvenut  Direttur tar-Registru Pubbliku.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tilqa il-hames, is-sitt u is-seba eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, tordna lil konvenut F G sabiex jispecifika id-dettalji personali kollha tieghu kif mitlub fis-sitt eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku u tordna ukoll illi il-kliem '*the said*' li jinsabu qabel isem C D, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru tar-reġistrazzjoni 225 tas-sena 2005 u qeghda tilqa t-talbiet kollha attrici kif dedotti.  Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu a karigu ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------